MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1196/2013

**Howards Limited (C12466)**

***kontra***

**(1) What`s On Where Limited (C44153)**
**(2) Selkies Limited (C35552)**
**(3) Karl Allmark (K.I. nru. 0072317A)**
**(4) Pamela Allmark (K.I. nru. 205368)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta` Dicembru 2013 li jaqra hekk–

*1. Illi l-konvenuti huma debituri in solidum tal-kumpannija esponenti fl-ammont kumplessiv ta` hmistax-il elf disgha u ghoxrin Euro u erba` centezmi (€15,029.04) rapprezentanti kera tal-post "Planet Court", Ground floor, ix-Xatt ta` Tigne, Sliema, liema kera tirrizulta minn ftehim lokatizzju datat 20 ta` Ottubru 2008 bejn il-konvenuti What`s on Where`s Limited, Karl u Pamela Allmark; in kwantu €7,529.04 hija dovuta bhala bilanc ta` kera ghall-perjodu mill-1 ta` Dicembru 2010 sat-30 ta` Novembru 2011 u in kwantu ghal €7,500 huwa dovut bhala kera ghall-perjodu 1 ta` Settembru sa 30 ta` Novembru 2012. (Ara Dokument "HT1");*

*2. Illi wara ittra ufficjali (Ara Dokument "HT2") il-konvenut Karl Allmark kien, permezz ta` affidavit datat 22 ta` Marzu 2013, konferma li l-ammont surreferit huwa dovut minnu u minghand What`s on Where Limited, Selkies Limited (Ara Dokument "HT3);*

*3. Illi llum il-kirja m`ghadhiex vigenti, u ghalkemm il-kumpannija attrici, tramite r-rapprezentanti taghha, interpellat kemm-il darba lill-kumpanniji konvenuti u l-konvenuti sabiex ihallsu l-imsemmi ammont, anke ufficjalment, permezz ta` ittra ufficjali (Nru: 41/13) datata 14 ta` Frar 2013 intavolata ai termini tal-artikolu 166A (kopja taghha u tar-risposta taghha liema qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokument "HT2") u wara l-affidavit surreferit b`ittra ufficjali ohra (Nru: 304/13) datata 25 ta` Settembru 2013 intavolata ai termini tal-artikolu 166A (kopja taghha u tar-risposta taghha liema qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokument "HT4") is-socjetajiet konvenuti u l-konvenuti baqghu inadempjenti;*

*4. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;*

*Ghaldaqstant jghid il-konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m`ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara l-konvenuti huma debituri in solidum tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` hmistax-il elf disgha u ghoxrin Euro u erba` centezmi (€15,029.04), rapprezentanti kera tal-post "Planet Court", Ground Floor, ix-Xatt ta` Tigne, Sliema.*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-kumpannija attrici l-imsemmi ammont ta` hmistax-il elf disgha u ghoxrin Euro u erba` centezmi (€15,029.04) rapprezentanti kera tal-post "Planet Court", Ground Floor, ix-Xatt ta` Tigne, Sliema.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali ntavolati ai termini tal-Art 166A, u dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment mal-ittra ufficjali ta` kull att jew mandat iehor u bl-imghax kommercjali mill-1 ta` Dicembru 2010 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-kumpannija attrici u d-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi l-konvenuti naqsu li jidhru ghall-udjenza tal-lum.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati ;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi –

**1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri in solidum tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` hmistax-il elf disgha u ghoxrin Euro u erba` centezmi (€15,029.04), rapprezentanti kera tal-post "Planet Court", Ground Floor, ix-Xatt ta` Tigne, Sliema, bl-imghax kif mitlub.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-kumpannija attrici l-imsemmi ammont ta` hmistax-il elf disgha u ghoxrin Euro u erba` centezmi (€15,029.04) rapprezentanti kera tal-post "Planet Court", Ground Floor, ix-Xatt ta` Tigne, Sliema, bl-imghax kif mitlub.**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali ntavolati ai termini tal-Art 166A, u dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment mal-ittra ufficjali ta` kull att jew mandat iehor.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------